**274. L-Onor Joe Debono Grech ippropona din il-mozzjoni:-**

Billi l-Gvern Malti daħal fi ftehim mal-Kumpannija Transend dwar il-privatizzazzjoni tal-posta Maltija, liema ftehim jonqos mit-trasparenza u l-istess regoli li l-gvern kien stqarr li kellhom japplikaw;

Billi huwa ċar li t-trattativi tal-Gvern Malti mal-Kumpannija Transend saru fuq bażi diretta u mingħajr il-possibilita' ta' kompetizzjoni għall-aħjar kundizzjonijiet favur il-poplu Malti u sar kollox bi trattativi privati;

Billi rriżulta wkoll li l-Kumpannija Transend u/jew id-diriġenti tagħha ma kellhomx *track record* ta' min jiftaħar bih u għalhekk ma hemmx serħan tal-moħħ li saret ukoll l-aħjar għażla;

Billi fl-investigazzjoni li għamel il-*Public Accounts Committee* ma ngħatawx risposti sodisfaċenti għall-mistoqsijiet imqajma u ma jidhirx li l-kwestjonijiet sabu risposti xierqa b'mod li verament jista' jingħad li l-*Public Accounts Committee* tal-Kamra seta' jserraħ ras iċ-ċittadini Maltin li kollox sar fl-aħjar interess tiegħu;

Billi l-interessi tal-ħaddiema la ġew salvagwardjati jew għallinqas diskussi mar-rappreżentanti tagħhom qabel sar il-ftehim;

Billi jista' jkun hemm problemi aktar 'il quddiem kemm fis-servizz tal-posta in ġenerali, kemm għall-ħaddiema kif ukoll għaċ-ċittadini li jinqdew bis-servizz u għalhekk hu fl-interess pubbliku li dan il-Parlament jipprevjeni l-effetti ħżiena ta' dan il-ftehim mal-Kumpannija Transend;

Għalhekk, dan il-Parlament jirrisolvi li l-ftehim tal-Gvern Malti mal-Kumpannija Transend mhux fl-aħjar interess pubbliku, partikolarment meta l-ftehim ġie marbut ma' żieda sostanzjali fil-prezz tas-servizz u fi kwalunkwe każ, ma sarx bl-aktar mod trasparenti u li jista' jassigura l-aħjar interessi tal-Maltin.

09.04.02